# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju 2002**

**Numru 48**

**Rikors Nru 8/96**

Konkors ta' kredituri wara l-atti tac-cedola ta' depozitu numru 183/94 tal-15 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet:

Lawrence Attard u Disma Attard ghan-nom u fl-interess ta' L & D Attard Company Limited
vs
Joseph Cassar, u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 1998 gew nominati l-Avukat Christopher Cilia u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-imsiefer Joseph Cassar

Illum, 24 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Dawn il-proceduri li bdew b'rikors tal-Bank of Valletta Limited (illum Bank of Valletta plc) tal-5 ta' Dicembru 1996 huma bbazati fuq l-artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

B'digriet tat-8 ta' Marzu 2000 il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri ta' Joseph Cassar, halliet il-kaz ghas-smiegh ghall-24 ta' Mejju 2000 u ordnat il-pubblikazzjoni relattiva.

Billi fil-pubblikazzjoni relattiva gie erronejament indikat li l-konkors kien ta' Paul Cutajar, b'digriet iehor ta' l-24 ta' Mejju 2000 il-Qorti mill-gdid ordnat il-pubblikazzjoni u halliet il-kaz ghas-smiegh ghall-14 ta' Lulju 2000.

Ikkonkorrew biss il-Bank of Valletta plc u Rosina Cassar. Difatti gie pprezentat rikors mill-Bank of Valletta plc fil-11 ta' April 2000 fejn gie ndikat il-kreditu ta' l-istess Bank u l-ipoteki u privileggi li jikkawtelaw l-istess kreditu u rikors fil-25 ta' April 2000 minn Rosina Cassar fejn talbet li tikkonkorri ukoll fuq il-flus depozitati bl-imsemmi cedola numru 183/94.

Fl-14 ta' Lulju 2000 gie nominat l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala espert gudizzjarju sabiex jirrelata dwar il-kaz.

Fis-7 ta' Novembru 2001 deher l-Avukat Cassar Pullicino li ddikjara li jidher li f'dan il-konkors hemm biss kreditur wiehed, cioe` l-Bank of Valletta plc. Ghalhekk il-Qorti awtorizzatu jirritorna l-process.

Minn ezami ta' l-atti ritornati rrizulta li meta l-espert gudizzjarju nghata kopja ta' l-inkartament, ma nghatax kopja tar-rikors ta' Rosina Cassar u ghalhekk meta kiteb lid-difensuri biex jinfurmahom dwar is-seduta li kien ser izomm ghall-gbir tal-provi relattivi, huwa ma kitibx ukoll lid-difensur ta' Rosina Cassar. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti kienet halliet il-kawza ghad-decizjoni ghall-25 ta' Jannar 2002, hija ssospendiet il-prolazzjoni tad-decizjoni taghha sabiex tinghata l-fakolta` lill-imsemmija Rosina Cassar tressaq il-provi taghha dwar il-pretensjoni taghha.

F'dik is-seduta dehret Rosina Casar assistita minn Dr. Patrick Galea li pero' rrinunzja ghall-patrocinju taghha minhabba li kien ghadu kemm skopra li seta' kellu kunflitt ta' nteress. Ghalhekk il-kawza thalliet ghad-29 ta' Jannar 2002.

Effettivament l-istess Rosina Cassar ma ressqet l-ebda prova u ghalhekk baqghet ma tat l-ebda indikazzjoni ta’ x’inhi l-pretensjoni taghha u fuq liema bazi qieghda tivvanta xi pretensjoni. Difatti fir-rikors stess taghha hija ma ssemmi xejn hlief li titlob li tikkonkorri f’dawn il-proceduri.

Ghalhekk mill-provi migjuba jirrizulta li l-Bank rikorrenti mhux biss ghandu l-ipoteki skond il-ligi li a bazi taghhom qieghed jitlob li jigi pregradwat fuq kwalsiasi kreditu iehor, izda li huwa l-uniku kreditur.

Tiddeciedi ghaldaqstant billi tordna li s-somma bilancjali depozitata l-Qorti taht ic-cedola msemmija numru 183/94, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, ghandha tigi zbankata favur il-Bank rikorrenti.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur